MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 51/2007

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Audrey Anne Triganza**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta Audrey Anne Triganza ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, seba' mija u wiehed u disghin Lira Maltin u zewg centezmi (LM4,791.02,0), ammont rapprezentanti bilanc dovut minnha lill-istss socjeta' attrici fuq il-kont numru 01261202922 u kont numru 01180202922 sat-2 ta' Frar tas-sena 2007;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-14 ta' Novembru tas-sena 2006, u bl-imghax legali mit-3**

**ta' Frar tas-sena 2007 sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenuta Audrey Anne Triganza, ngunta personalment ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la nhar il-15 ta' Mejju tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta Audrey Anne Triganza.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------